MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 175/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Logue Andrew James
ID-38263(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€620.45c), ammont li huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tal-kommunikazzjoni bl-akkont numru 40071024 skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti hawn annessi, Dok. IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40071024 u Dok. IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40071024.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€620.45c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------